Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0138

Is-simplifikazzjoni ta’ ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-29 ta’ April 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta’ ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi (COM(2025)0531 – C10-0143/2025 – 2025/0531(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitati responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0104/2026).

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[2] indikaw li n-numru dejjem jikber u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għan-negozji tal-Unjoni u li jżommuhom milli jibqgħu kompetittivi. F'dan l-isfond, ċerti proċeduri u rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008[3], (KE) Nru 1223/2009[4] u (UE) 2019/1009[5] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u jenħtieġ li jitneħħew piżijiet regolatorji mhux meħtieġa, filwaqt li jinżamm ***l-istess*** livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.	(2) Is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[2] indikaw li n-numru dejjem jikber u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għan-negozji tal-Unjoni u li jżommuhom milli jibqgħu kompetittivi. F'dan l-isfond, ċerti proċeduri u rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008[3], (KE) Nru 1223/2009[4] u (UE) 2019/1009[5] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u jenħtieġ li jitneħħew piżijiet ***amministrattivi u*** regolatorji mhux meħtieġa, filwaqt li jinżamm livell ***għoli*** ta' ***protezzjoni tal-konsumatur u*** protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.
[2] Ir-rapport tal-2024 ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea: https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_en?prefLang=mt#paragraph_47059	[2] Ir-rapport tal-2024 ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea: https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_en?prefLang=mt#paragraph_47059
[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008	[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008

/1272/oj).

[4] Ir-Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (riformulazzjoni) (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1223/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj).

/1272/oj).

[4] Ir-Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (riformulazzjoni) (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1223/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj).

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-prodotti fertilizzanti koperti mir-Regolament (UE) 2019/1009 jaffettwaw direttament il-kostijiet tal-produzzjoni, l-introjti, is-sikurezza u l-kompetittività tal-bdiewa, filwaqt li r-rekwiżiti regolatorji u l-piżijiet amministrattivi fuq il-produtturi jiġu trażmessi tul il-katina tal-provvista. Peress li l-kompetittività tal-Unjoni tiddependi, fost l-oħrajn, fuq il-kapaċità tagħha li tkun innovattiva, il-qafas regolatorju jenħtieġ li jappoġġa l-innovazzjoni u l-progress tekniku billi jibqa' proporzjonat u jevita piżijiet

bla bżonn, filwaqt li jiżgura li jintlaħqu l-objettivi ta' dak ir-Regolament.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li tippromwovi l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" ***sabiex*** tappoġġa t-trasformazzjonijiet diġitali u sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn ***l-operaturi ekonomiċi*** u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar, l-indikazzjoni ta' kuntatt diġitali fuq it-tikketta ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi ***hija meħtieġa*** biex ***tissaħħaħ*** l-effettività tal-kontrolli uffiċjali u ***tal-infurzar*** u biex jitħaffef il-proċess tal-identifikazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Bħalissa, il-forniturihuma meħtieġa jindikaw l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħhom fuq it-tikketta tal-imballaġġ ta' sustanzi jew taħlitiet perikolużi, iżda dan mhux dejjem ikun biżżejjed biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar ikunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk huwa meħtieġ li l-forniturijintalbu jipprovdu kuntatt diġitali, li ***jista'*** jkun kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni online aġġornat u ***aċċessibbli*** mal-fornitur.	(3) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li tippromwovi l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" ***biex*** tappoġġa t-trasformazzjonijiet diġitali u sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn ***il-forniturijiet u l-individwi u bejn il-forniturijiet*** u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar, l-indikazzjoni ta' kuntatt diġitali fuq it-tikketta ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi ***tikkontribwixxi*** biex ***jissaħħu*** l-effettività tal-kontrolli uffiċjali***, it-traċċabbiltà, ir-responsabbiltà*** u ***l-infurzar*** u biex jitħaffef il-proċess tal-identifikazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008***, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom kuntatt rapidu u dirett f'każ ta' emerġenza jew aċċident***. Bħalissa, il-forniturihuma meħtieġa jindikaw l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħhom fuq it-tikketta tal-imballaġġ ta' sustanzi jew taħlitiet perikolużi, iżda dan mhux dejjem ikun biżżejjed biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar ikunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk huwa meħtieġ li l-forniturijintalbu jipprovdu ***wkoll*** kuntatt diġitali, li ***jenħtieġ li*** jkun kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni online aġġornat***,*** ***aċċessibbli faċilment*** u

	mingħajr ħlas mal-fornitur***, u jippermetti l-ħżin ta' informazzjoni fuq mezz durabbli. Meta jiġi pprovdut kuntatt diġitali, in-numru tat-telefon jista' jsir disponibbli direttament permezz ta' dak il-kuntatt diġitali.***

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Jenħtieġ li l-kuntatt diġitali jippermetti lill-konsumaturi u lill-awtoritajiet jikkuntattjaw lill-fornituri direttament u malajr, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli mingħajr ħlas, u mingħajr il-ħtieġa li tiġi pprovduta xi data personali, li titniżżel jew tiġi użata applikazzjoni jew li dak li jkun jiġi obbligat jirreġistra unikament għall-fini li jiġi kkuntattjat il-fornitur. Tali kuntatt diġitali jista' jinkludi, pereżempju, indirizz tal-posta elettronika jew formola ta' kuntatt fuq sit web. Madankollu, jenħtieġ li ma jinftiehemx li jinkludi tweġibiet awtomatiċi għal mistoqsijiet, chatbots jew numri tal-fax. It-terminu "kuntatt diġitali", b'mod simili għat-terminu "indirizz elettroniku" fir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jinftiehem b'mod teknoloġikament newtrali, ikun kapaċi jevolvi mal-iżviluppi teknoloġiċi futuri, u jkopri l-forom kollha ta' komunikazzjoni diġitali diretta.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] introduċa eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-ittikkettar u tal-imballaġġ għal pakketti li fihom inqas minn 10 ml. Madankollu, ***huma meħtieġa aktar simplifikazzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-deroga f'każijiet fejn dawn il-pakketti jkunu soġġetti għad-dikjarazzjoni*** ta' ***periklu supplimentari EUH 208***. ***Huwa meħtieġ ukoll*** li ***jiġu ċċarati r-rekwiżiti għall-imballaġġ intern u ta' barra f'każijiet fejn tiġi applikata d-deroga*** ta' 10 ml.	(5) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] introduċa eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-ittikkettar u tal-imballaġġ għal pakketti li fihom inqas minn 10 ml. ***Dan introduċa l-possibbiltà li jitħallew barra elementi tat-tikketta minn tali imballaġġ intern f'ċerti kundizzjonijiet.*** Madankollu, ***huwa meħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu ssimplifikati u jiġi ċċarat liema każijiet jeħtieġu li l-elementi tal-ittikkettar jiġu ppreżentati fuq l-imballaġġ*** ta' ***barra f'każijiet li jippermettu li dawn l-elementi jitħallew barra kompletament***. ***Barra minn hekk, jenħtieġ*** li ***l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni dwar jekk tnaqqis speċifiku ulterjuri tal-elementi obbligatorji tat-tikketta jenħtieġx li japplika għall-pakketti*** ta' ***bejn*** 10 ***u 125*** ml.
[6] Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L, 2024/2865, 20.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2865/oj).	[6] Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L, 2024/2865, 20.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2865/oj).

Emenda 6
Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex ***tiġi pprovduta l-flessibbiltà għall-forniturи*** tas-sustanzi u t-taħlitiet, ***biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali*** għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li spiss jesternalizzaw is-servizzi tal-istampar tat-tikketti u biex jiġu ffaċilitati t-tħejjija u l-produzzjoni ta' tikketti li jintwew, li jieħdu ferm iżjed żmien mill-produzzjoni tat-tikketti standard, huwa meħtieġ li ***titneħħa skadenza*** fissa ta' ***6*** xhur ***u*** li t-tikketti jinbidlu mingħajr dewmien żejjed wara li tinkiseb data ġdida minn fornitur ***ġdid*** jew wara li tiġi kkomunikata lilu.	(6) ***Fir-rigward tal-aġġornament tat-tikketti f'każ ta' awtoklassifikazzjoni ġdida jew aktar severa, jenħtieġ li l-forniturи jinfurmaw lill-utenti downstream diretti tagħhom dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni l-ġdida mingħajr dewmien żejjed.*** Sabiex ***jingħata biżżejjed żmien lill-forniturи kollha*** tas-sustanzi u t-taħlitiet, ***b'mod partikolari,*** għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li spiss jesternalizzaw is-servizzi tal-istampar tat-tikketti u biex jiġu ffaċilitati t-tħejjija u l-produzzjoni ta' tikketti li jintwew, li jieħdu ferm iżjed żmien mill-produzzjoni tat-tikketti standard, huwa meħtieġ li ***l-iskadenza*** fissa ta' ***sitt*** xhur ***għall-ittikkettar mill-ġdid tiġi estiża għal tmintax-il xahar, filwaqt li jkompli jintalab*** li t-tikketti jinbidlu mingħajr dewmien żejjed wara li tinkiseb data ġdida minn fornitur jew wara li tiġi kkomunikata lilu.

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 stabbilixxa regoli dwar ir-rekwiżiti obbligatorji għall-ifformattjar tat-tikketti. Informazzjoni ġdida[7] indikat piż amministrattiv u kostijiet eċċessivi, assoċjati ma' dawn ir-rekwiżiti. Sabiex tiġi bbilanċjata l-ħtieġa li l-informazzjoni fuq it-tikketti tkun tinftiehem b'mod ċar	(7) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 stabbilixxa regoli dwar ir-rekwiżiti obbligatorji għall-ifformattjar tat-tikketti. Informazzjoni ġdida[7] indikat piż amministrattiv u kostijiet eċċessivi, assoċjati ma' dawn ir-rekwiżiti. Sabiex tiġi bbilanċjata l-ħtieġa li l-informazzjoni fuq it-tikketti tkun tinftiehem b'mod ċar

mill-konsumaturi mal-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakli u l-piż tas-suq għall-industrija[8], huwa meħtieġ li jiġu ssimplifikati l-obbligi attwali ta' fformattjar mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. ***L-operaturi ekonomiċi*** u ***l-awtoritajiet tal-infurzar iridu*** jibqgħu responsabbli biex jiżguraw li t-tikketti jkunu jistgħu jinqraw f'konformità mar-rekwiżiti legali.	mill-konsumaturi mal-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakli u l-piż ***mhux ġustifikat*** tas-suq għall-industrija[8], ***b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,*** huwa meħtieġ li jiġu ssimplifikati l-obbligi attwali ta' fformattjar mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. ***Il-miżuri l-ġodda jenħtieġ li jżommu livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Il-forniturі jeħtiġilhom*** jibqgħu responsabbli biex jiżguraw li t-tikketti jkunu jistgħu jinqraw f'konformità mar-rekwiżiti legali.
_____	_____
[7] Analiżi dettaljata tal-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti l-ġodda tal-ifformattjar hija pprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li Jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għal prodotti kimiċi, SWD(2025) 531, p. 14.	[7] Analiżi dettaljata tal-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti l-ġodda tal-ifformattjar hija pprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li Jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għal prodotti kimiċi, SWD(2025) 531, p. 14.
[8] Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu, COM(2025) 500 final, p. 10, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0500.	[8] Kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu, COM(2025) 500 final, p. 10, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0500.

Emenda 8
Proposta għal regolament

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) It-tikketta sservi bħala sors primarju u spiss uniku ta' informazzjoni dwar il-perikli u gwida dwar l-użu sikur faċilment disponibbli għall-konsumaturi, filwaqt li l-utenti professjonali u industrijali huma infurmati wkoll dwar il-perikli assoċjati ma' sustanza jew taħlita partikolari qabel l-użu permezz ta' skedi tad-data dwar is-sikurezza u taħriġ dwar is-sikurezza. Għalhekk, huwa indispensabbli li tikketta tkun tista' tinqara faċilment taħt kundizzjonijiet normali, iżda wkoll f'ċirkustanzi eċċezzjonali, bħall-inċidenti.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Biex jiġi żgurat li tikketta jkollha grad xieraq ta' leġġibbiltà, jenħtieġ li tal-anqas ikollha kuntrast ċar tat-test tat-tikketta mal-isfond, tipa xierqa, tipa ta' daqs xieraq, spazju xieraq bejn il-linji u l-ittri, disinn ġenerali tat-tikketta u elementi rilevanti oħra tal-ifformattjar. B'mod partikolari, għal sustanzi jew taħlitiet li jitpoġġew għad-dispożizzjoni fis-suq għall-pubbliku ġenerali, l-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17(1) jenħtieġ li jużaw daqs tat-tipa meta l-għoli x ikun daqs jew akbar minn 1,2 mm. Madankollu, meta l-kontenut

tal-pakkett ma jaqbiżx il-125 ml, l-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17(1) jistgħu jużaw daqs tat-tipa meta l-għoli x ikun daqs jew akbar minn 0,9 mm. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) jenħtieġ li taġġorna l-gwida tagħha dwar l-ifformattjar tat-tikketti u tinkludi eżempji ċari ta' x'jikkostitwixxi eżempji aċċettabbli u inaċċettabbli tal-ifformattjar tat-tikketti. Il-gwida jenħtieġ li tikkunsidra l-formati tal-ittikkettar minn liġijiet rilevanti oħra tal-Unjoni u tqis l-aħjar prattika dwar "disinn aċċettabbli" u standards aċċettati għall-leġġibbiltà, inklużi kombinazzjonijiet ta' kuluri aċċettabbli kif ukoll inaċċettabbli biex jiġi żgurat il-kuntrast. Il-gwida jenħtieġ li tassisti l-infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, tiġi żviluppata f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar u tkun infurmata minn konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati, tappoġġa l-kompetittività billi tnaqqas il-piżijiet bla bżonn, tipprovdi ċertezza għall-fornituri, u tiżgura kompetizzjoni ġusta fis-suq intern.

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Biex jittaffa l-piż fuq l-industrija u biex tittejjeb iċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi u	(8) Biex jittaffa l-piż fuq l-industrija u biex tittejjeb iċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi u

taħlitiet fis-suq intern, huwa xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tar-regoli dwar ir-reklamar u l-offerti mill-bogħod, filwaqt li jittieħed vantaġġ mid-dispożizzjonijiet eżistenti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni bl-istess objettivi. F'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti għar-reklamar u l-offerti mill-bogħod jenħtieġ li jkunu limitati għal prodotti mqiegħda fis-suq għall-pubbliku ġenerali, peress li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006[9] diġà jipprovdi obbligi ċari dwar il-flussi tal-informazzjoni fil-ktajjen tal-provvista għas-sustanzi u t-taħlitiet.

taħlitiet fis-suq intern, huwa xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tar-regoli dwar ir-reklamar u l-offerti ***ta' bejgħ*** mill-bogħod, filwaqt li jittieħed vantaġġ mid-dispożizzjonijiet eżistenti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni bl-istess objettivi. F'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti għar-reklamar u l-offerti ***ta' bejgħ*** mill-bogħod jenħtieġ li jkunu limitati għal prodotti mqiegħda fis-suq għall-pubbliku ġenerali, peress li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006[9] diġà jipprovdi obbligi ċari dwar il-flussi tal-informazzjoni fil-ktajjen tal-provvista għas-sustanzi u t-taħlitiet.

---

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(8a) L-utenti professjonali u industrijali huma ġeneralment infurmati aħjar dwar il-perikli assoċjati ma' sustanzi u taħlitiet mill-konsumaturi. Għalhekk huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward tar-reklamar skont jekk il-prodotti jkunux maħsuba għal użu professjonali u industrijali jew għall-konsumaturi jew ikunux direttament disponibbli għalihom. Meta jivvalutaw jekk reklam huwiex immirat lejn il-konsumaturi jew magħmul disponibbli għalihom, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu elementi oġġettivi, inkluż jekk huwiex indikat b'mod ċar li s-sustanza jew it-taħlita hija maħsuba esklużivament għall-użu professjonali, kif ukoll il-kuntest li fih ir-reklam jew l-offerta jsiru disponibbli, bħal fieri kummerċjali, pubblikazzjonijiet kummerċjali jew pjattaformi diġitali indirizzati lill-utenti professjonali. Dispożizzjonijiet simili diġà jeżistu fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 12
Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-	(9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlitiet perikolużi, li għalihom membru tal-pubbliku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-

tip jew it-tipi ta’ perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta’ periklu jew il-kategoriji ta’ periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta’ sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b’hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta’ promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta’ prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli assoċjati ma’ dik is-sustanza jew ma’ dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu mit-tikketta.

tip jew it-tipi ta’ perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta’ periklu jew il-kategoriji ta’ periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta’ sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b’hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-pubbliku ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta’ promozzjoni tal-bejgħ jew tal-użu ta’ prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejgħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar il-perikli assoċjati ma’ dik is-sustanza jew ma’ dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, ***u li jinkludu jew il-kelma bħala sinjal jew il-pittogramma,*** iżda mhux li tiġi dduplikata l-informazzjoni ***kollha*** dwar il-periklu mit-tikketta. ***Dan l-approċċ jiżgura li r-reklami jibqgħu informattivi biżżejjed fit-twissija lill-utenti potenzjali dwar in-natura perikoluża tal-prodott mingħajr ma jimponi rekwiżiti li jagħmlu r-reklami mimlija b’kontenut żejjed, diffiċli biex jiġu interpretati, jew kummerċjalment mhux***

	prattiċi. Minħabba l-ħafna forom differenti ta' reklamar, il-fornituri jenħtieġ li jiġu pprovduti grad ta' flessibbiltà dwar kif din l-informazzjoni jenħtieġ li titwassal fir-reklami.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li ***jintuża*** l-istess ***rekwiżit*** għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet ***fejn is-sustanzi*** u t-taħlitiet perikolużi li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.	(10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jirrikjedu li r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah", ikun xieraq li ***dawk li jirreklamaw jużaw*** l-istess ***dikjarazzjoni*** għal reklami ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f'każijiet ***meta s-sustanzi*** u t-taħlitiet perikolużi li jiġu rreklamati jkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.
———————	———————
[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).	[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).	[11] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa l-possibbiltà li ċerti elementi ta' ttikkettar jiġu inklużi fit-tikketta diġitali biss. Sabiex jiġi żgurat użu usa' tat-teknoloġija u sabiex ikun jista' jkun hemm approċċ aktar sempliċi u flessibbli għall-ittikkettar, il-forniturijenħtieġ li jitħallew iqiegħdu d-dettalji ta' kuntatt ta' kwalunkwe fornitur addizzjonali fuq it-tikketta diġitali biss. L-inklużjoni tal-kuntatt diġitali tkun xierqa wkoll meta d-dettalji ta' kuntatt tal-forniturijiġu pprovduti fit-tikketta diġitali.	(12) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa l-possibbiltà li ċerti elementi ta' ttikkettar jiġu inklużi fit-tikketta diġitali biss. Sabiex jiġi żgurat użu usa' tat-teknoloġija u sabiex ikun jista' jkun hemm approċċ aktar sempliċi u flessibbli għall-ittikkettar, il-forniturijenħtieġ li jitħallew iqiegħdu d-dettalji ta' kuntatt ta' kwalunkwe fornitur addizzjonali fuq it-tikketta diġitali biss. L-inklużjoni tal-kuntatt diġitali tkun xierqa wkoll meta d-dettalji ta' kuntatt tal-forniturijiġu pprovduti fit-tikketta diġitali. ***Sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' kuntatt rapidu li huwa essenzjali f'ċerti sitwazzjonijiet bħal f'każijiet ta' emerġenza, jenħtieġ li l-preżenza ta' kuntatt diġitali ma teskludix l-għoti ta' numru tat-telefon.***

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a)Il-cartridges tal-inkjet

	(≤ 150 ml) (fornuti fl-imballaġġ ta’ barra u ddisinjati biex jiġu installati fi printer minn konsumatur jew utent professjonali) għandhom erja tas-superfiċje li tista’ tintuża limitata ħafna għall-ittikkettar u ma jistgħux jibbenefikaw jibbenefikaw mill-opzjoni tat-tikketti li jintwew li tippermetti soluzzjonijiet multilingwi. F’dan il-każ jenħtieġ li l-forniturijitħallew inaqqsu l-informazzjoni dwar il-periklu fuq it-tikketta skont ċerti kundizzjonijiet.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F’konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-forniturijkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ introdotti b’dan ir-Regolament fuq bażi volontarja qabel id-data tal-applikazzjoni differita ta’ dawn id-dispożizzjonijiet.	(14) F’konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-forniturijkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ introdotti b’dan ir-Regolament fuq bażi volontarja qabel id-data tal-applikazzjoni differita ta’ dawn id-dispożizzjonijiet ***u l-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jħeġġuhom jagħmlu dan***.

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ta’ tali	(17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ta’ tali

sustanzi fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, u l-kamp ta’ applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi stabbilit f’aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari mhijiex kompatibbli mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta’ sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***ma ssaħħaħx*** is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta’ prodotti huma differenti b’mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-kundizzjoni titħassar.	sustanzi fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li jiġu ssimplifikati ***mingħajr ma jitbaxxa l-livell għoli tas-saħħa u sikurezza tal-bniedem u l-protezzjoni tal-konsumatur***, u l-kamp ta’ applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi stabbilit f’aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari mhijiex kompatibbli mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta’ sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ***mhux neċessarjament issaħħaħ*** is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta’ prodotti huma differenti b’mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-kundizzjoni titħassar.

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***speċifikati*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta’ kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B’mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta’ sustanza alternattiva ***jenħtieġ li jirriżulta f’riskju ġenerali mnaqqas*** għas-saħħa tal-bniedem ***u għall-ambjent u li s-sustanza*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti ***jew simili fi prodott kożmetiku,*** u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, ***sabiex tkun tista’*** tkun ***teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji*** u ***speċjalment għall-SMEs***. ***Barra minn hekk,***	(18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ***deskritti*** l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta’ kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B’mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta’ ***kwalunkwe*** sustanza alternattiva ***biex tissostitwixxi s-sustanza klassifikata jkun sikur*** għas-saħħa tal-bniedem***. L-alternattiva*** jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti ***u livell komparabbli ta’ effikaċja u prestazzjoni*** u ***jenħtieġ li*** tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, ***jew li x’aktarx*** tkun ***disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti biex tissodisfa d-domanda attwali*** u ***jkollha l-***

jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattivi jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.	***potenzjal muri li tissodisfa d-domandi mistennija f'perjodu ta' żmien raġonevoli***. ***L-użu tagħha għandu jkun teknikament u ekonomikament fattibbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs biex jingħata lok għal produzzjoni sostnuta***. ***Biex tiġi vvalutata l-fattibbiltà ekonomika, jistgħu jiġu kkunsidrati*** l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformulazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponiment magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku diġà qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprjetajiet ta' periklu u l-esponiment tagħha (jiġifieri, l-użu speċifiku f'kategorija partikolari ta' prodotti), għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(21) ***Spiss**, **sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta'*** sustanzi kumplessi naturali, ***pereżempju ż-żjut essenzjali***. F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tkun rilevanti*** biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Dan ifisser li s-sustanzi*** kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR ***mhuwiex*** soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief ***jekk dik is-sustanza*** kumplessa naturali stess tkun ***elenkata*** bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent ***tista'*** tqajjem tħassib dwar ***is-sikurezza*** tas-sustanzi kumplessi naturali meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS jivvaluta ***l-impatt*** ta' tali ***kostitwent fuq is-sikurezza ta'*** sustanzi ***kumplessi naturali***, ***jekk iqum tħassib dwar is-sikurezza***, ***u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji*** xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

(21) ***Is-sustanzi li fihom aktar minn kostitwent wieħed li jiġu estratti mill-pjanti jew mill-partijiet tal-pjanti u li mhumiex modifikati kimikament kif definit fl-Artikolu 3**, **il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, spiss jissejħu*** sustanzi kumplessi naturali, ***jew "NCS". Dawn jista' jkun fihom kostitwent wieħed jew aktar ikklassifikati bħala sustanzi CMR, filwaqt li s-sustanza kumplessa naturali ġenerali stess ma tkunx ikklassifikata bħala sustanza CMR. Livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur irid japplika għal tali sustanzi u dan jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għarfien xjentifiku u l-kundizzjonijiet attwali ta' espożizzjoni li jirriżultaw mill-użu tagħhom fil-prodotti kosmetiċi.*** F'każijiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 ***tapplika*** biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3**,** tal-Anness VI**,** tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Is-sustanzi*** kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR ***mhumiex*** soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief ***meta s-sustanza*** kumplessa naturali stess tkun ***ikklassifikata*** bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3**,** tal-Anness VI**,** tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwent tqajjem tħassib dwar ***l-użu u s-sikurezza*** tas-sustanzi kumplessi naturali meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna ***mingħajr dewmien*** lill-SCCS jivvaluta ***s-sikurezza*** ta' tali

	sustanzi ***u***, ***meta jkun meħtieġ***, ***tieħu azzjoni regolatorja*** xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. ***Il-valutazzjoni tal-SCCS jenħtieġ li tkun f'waqtha ħalli tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-industrija.***
Emenda 21 **Proposta għal regolament** **Premessa 22**	
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ***sabiex*** jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. ***Għalhekk***, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' ***12-il xahar*** għat-tqegħid fis-suq u ta' ***24*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.	(22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ***ħalli*** jirrifformulaw***, jittestjaw*** u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħa li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-ġodda. ***Għaldaqstant, jekk ma tkun tressqet l-ebda talba għal deroga***, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' ***6 xhur*** għat-tqegħid fis-suq u ta' ***15-il*** xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. ***F'każ li tkun ġiet sottomessa talba għal deroga u l-SCCS ikun sab li s-sustanza mhijiex sikura, dawk l-iskadenzi jenħtieġ li jitqassru għal perjodu ta' 3 xhur għat-tqegħid fis-suq u 12-il xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq. F'każ li tkun ġiet sottomessa talba***

	għal deroga u l-SCCS ikun sab li s-sustanza hija sikura, iżda t-talba tkun ġiet irrifjutata minħabba d-disponibbiltà ta' alternattivi xierqa, dawk l-iskadenzi jenħtieġ li jiġu estiżi għal perjodu ta' 24 xahar għat-tqegħid fis-suq u 48 xahar għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq, bil-kundizzjoni li jibqa' disponibbli Rapport aġġornat dwar is-Sigurtà tal-Prodotti Kożmetiċi (CPSR) f'kull ħin.

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li ***tkun*** meħtieġa ***notifika waħda biss*** tal-prodotti kożmetiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. ***Il-kundizzjonijiet ta' tali notifika jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali u għal dawk il-prodotti kożmetiċi li ma fihomx dawn in-nanomaterjali.*** Sabiex ***tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali,*** jenħtieġ li jkun meħtieġ li ***l-informazzjoni*** speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku ***sabiex tkun tista' tiġi kkonsultata*** mill-awtoritajiet kompetenti ***fejn it-tħassib*** dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem ***jirriżulta*** mill-użu ta' nanomaterjal partikolari	(23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li ***jkunu*** meħtieġa ***notifiki*** tal-prodotti kożmetiċi ***lill-Kummissjoni*** qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. ***Sabiex tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali fil-prodotti kożmetiċi,*** jenħtieġ li ***jkun meħtieġ li din in-notifika tinkludi l-identifikazzjoni tan-nanomaterjal inkluż l-isem kimiku tiegħu (IUPAC) u deskritturi oħra kif speċifikat fil-punt 2 tal-Preambolu għall-Annessi II sa VI,*** u ***l-ispeċifikazzjoni tan-nanomaterjal, inklużi d-daqs tal-partikoli u l-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi, maħsub biex jitqiegħed fis-suq kull sena***. ***Dan huwa meħtieġ sabiex tkun tista' tintalab valutazzjoni tas-sikurezza mill-Kummissjoni fil-każ ta' tħassib.*** Jenħtieġ li jkun meħtieġ ***ukoll b'mod***

espliċitu li ***l-nformazzjoni*** speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tiġi pprovduta ***fin-notifika tal-Portal ta' Notifika tal-Prodotti Kożmetiċi (CPNP) u*** fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku ***li t-tnejn huma aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u jistgħu jiġu kkonsultati*** mill-awtoritajiet kompetenti***, meta jirriżulta tħassib*** dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem mill-użu ta' nanomaterjal partikolari ***fil-prodotti kożmetiċi.***

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-kożmetiċi huma oġġetti nnegozjati globalment***.*** Għalhekk huwa ***importanti*** li l-ismijiet tal-ingredjenti preżenti fuq it-tikketti tagħhom jirriflettu l-istat attwali tal-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku. L-użu ta' ***ismijiet*** tal-ingredjenti ***tal-kożmetiċi rikonoxxuti internazzjonalment*** huwa fattur importanti li jippromwovi t-trasparenza u jiffaċilita l-kummerċ transfruntier fil-kożmetiċi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' ismijiet rikonoxxuti internazzjonalment fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi mingħajr ebda azzjoni regolatorja addizzjonali mill-Kummissjoni. Peress li glossarju ta' ismijiet komuni tal-ingredjenti adottat mill-Kummissjoni jdewwem il-proċess tal-adozzjoni tal-ismijiet il-ġodda, id-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta	(25) Il-kożmetiċi huma oġġetti nnegozjati globalment ***u*** għalhekk huwa ***essenzjali*** li l-ismijiet tal-ingredjenti preżenti fuq it-tikketti tagħhom jirriflettu l-istat attwali tal-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku ***b'mod f'waqtu***. L-użu ta' ***nomenklatura rikonoxxuta internazzjonalment, bħall-ismijiet tan-Nomenklatura Internazzjonali*** tal-Ingredjenti ***Kożmetiċi (INCI)*** huwa fattur importanti li jippromwovi t-trasparenza ***tal-ingredjenti għall-konsumaturi, jiżgura l-konsistenza fil-ġuriżdizzjonijiet kollha,*** u jiffaċilita l-kummerċ transfruntier fil-kożmetiċi. ***L-ismijiet tal-INCI jinżammu mill-Kunsill tal-Prodotti għall-Kura Personali (PCPC) bħala standard internazzjonali tal-industrija u huma rikonoxxuti b'mod wiesa' mir-regolaturi u mill-***

tali glossarju jenħtieġ li titneħħa.	***partijiet ikkonċernati madwar id-dinja.*** Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-użu ***dirett tan-nomenkatura*** ta' ismijiet rikonoxxuti internazzjonalment***, bħall-INCI,*** fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi mingħajr ebda azzjoni regolatorja ***ulterjuri*** addizzjonali mill-Kummissjoni***. Meta isem ta' ingredjent komuni ma jkunx disponibbli fl-INCI, jenħtieġ li tintuża nomenklatura oħra aċċettata b'mod ġenerali, pereżempju ismijiet stabbiliti f'referenzi kimiċi jew tal-farmakopea rikonoxxuti internazzjonalment, jew f'sorsi awtorevoli oħra li fuqhom jibbażaw b'mod komuni l-industrija u r-regolaturi. Dan l-approċċ jiżgura l-flessibbiltà, jevita piż amministrattiv bla bżonn u jiggarantixxi li l-ismijiet tal-ingredjenti użati fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi jibqgħu aġġornati, internazzjonalment koerenti u jinftiehmu faċilment mill-konsumaturi***. Peress li glossarju ta' ismijiet komuni tal-ingredjenti adottat mill-Kummissjoni jdewwem il-proċess tal-adozzjoni tal-ismijiet il-ġodda, id-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta tali glossarju jenħtieġ li titneħħa.

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a)Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-operaturi kollha li jqiegħdu prodotti kożmetiċi fis-suq tal-Unjoni, kemm

offline kif ukoll online, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal obbligi ekwivalenti u infurzar effettiv. Dan huwa partikolarment importanti meta jitqies il-bejgħ dejjem jiżdied ta' kożmetiċi permezz tas-swieq online, inklużi l-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi li mhumiex soġġetti għall-istess rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza. Għalhekk, huwa meħtieġ li jintalab li l-informazzjoni dwar l-ittikkettar imsemmija fl-Artikolu 19 tiġi indikata b'mod ċar u viżibbli fil-każ tal-bejgħ mill-bogħod, inkluż permezz tas-swieq online. Dan ir-rekwiżit se jissimplifika l-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u b'hekk jikkontribwixxi għal kompetizzjoni ġusta u livelli għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, jenħtieġ li tissaħħaħ is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq, b'mod partikolari għall-bejgħ online u l-importazzjonijiet, u l-prodotti kożmetiċi identifikati bħala mhux konformi permezz tas-sistema ta' twissija rapida tal-Unjoni (Safety Gate) jenħtieġ li ma jiġux elenkati jew offruti għall-bejgħ. Għal dan il-għan, il-pjattaformi online jenħtieġ li jivverifikaw l-identità tal-persuna responsabbli qabel ma jippermettu li l-prodotti jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, u l-bejgħ online, l-offerta għall-bejgħ u l-promozzjoni, inklużi permezz tal-media soċjali, tal-kożmetiċi pprojbiti, b'mod partikolari l-prodotti miżjuda bil-merkurju, jenħtieġ li jiġu pprojbiti b'mod espliċitu.

Emenda 25
Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) F’konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta’ rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju “diġitali b’mod awtomatiku” biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE f’konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li jistgħu ***jintlaħqu permezz tiegħu***, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f’forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta’ indirizz tal-internet jew ***trasportatur tad-data***, u jipprovdu lill-awtoritajiet, fuq talba, ***bl-informazzjoni*** u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti f’forma elettronika. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f’forma elettronika. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta’ bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. ***Fejn ikun*** meħtieġ Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti fertilizzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f’dak il-Passaport	(26) F’konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta’ rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju “diġitali b’mod awtomatiku” biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw il-prodotti fertilizzanti tal-UE f’konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li ***permezz tiegħu jkunu*** jistgħu ***jiġu kkuntattjati mill-awtoritajiet kompetenti u mill-utenti finali sabiex iwieġbu b’mod adegwat kwalunkwe mistoqsija mingħandhom***, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f’forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta’ indirizz tal-internet jew ***mezz ta’ data***, u jipprovdu lill-awtoritajiet ***kompetenti***, fuq talba, ***l-informazzjoni*** u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti ***b’mod rapidu*** f’forma elettronika. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f’forma elettronika ***b’mod rapidu***. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta’ bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. ***Meta jkun*** meħtieġ Passaport Diġitali tal-

Diġitali tal-Prodotti.	Prodotti għall-prodotti fertilizzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f’dak il-Passaport Diġitali tal-Prodotti.

Emenda 26
Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a)Il-prodotti fertilizzanti koperti bir-Regolament (UE) 2019/1009 huma soġġetti għal rekwiżiti regolatorji u piżijiet amministrattivi li, meta jiżdiedu, jistgħu jwessgħu d-distakk bejn il-kostijiet tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni u dawk f’pajjiżi terzi. Għalhekk, ir-reviżjoni ta’ dan ir-Regolament jenħtieġ li tipprevedi simplifikazzjoni regolatorja għall-produtturi tal-fertilizzanti tal-UE u tkun ta’ benefiċċju għall-bdiewa tal-UE u tagħmilha aktar faċli għall-operaturi biex jidħlu fis-suq tal-UE u joperaw lil hinn mis-swieq nazzjonali għall-benefiċċju tas-Suq Uniku. Għalhekk, jenħtieġ li ma ddgħajjifx livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur, tas-saħħa u tal-ambjent u ta’ ġestjoni tar-riskju. Barra minn hekk, l-iffaċilitar tar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur għall-prodotti fertilizzanti jenħtieġ li ma jnaqqasx il-livelli ta’ kontroll fuq dawn il-prodotti meta jkunu qed jidħlu fis-suq, u jenħtieġ ukoll li ma jqajjimx tħassib dwar it-traċċabbiltà, is-sikurezza u l-impatti fuq ir-

	reputazzjoni.

Emenda 27
Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26b) Id-diġitalizzazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità u tal-informazzjoni teknika dwar il-prodott tista' toffri ċerti vantaġġi. Jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq iċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza tal-infurzar effettiva u rapida, id-disponibbiltà u l-interoperabbiltà tal-infrastruttura diġitali, il-kostijiet potenzjali tal-introduzzjoni u t-tħaddim ta' tali sistemi u d-diversità tal-operaturi ekonomiċi u tas-sistemi nazzjonali.

Emenda 28
Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Skont ir-Regolament (UE) 2019/1009, il-mikroorganiżmi elenkati f'lista pożittiva fl-Anness II ta' dak ir-Regolament biss jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li żżid mikroorganiżmi jew varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda ma' dik il-lista wara valutazzjoni li tikkonkludi li l-ebda waħda mill-varjanti ma tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent u li tiżgura l-effiċjenza agronomika.	(27) Skont ir-Regolament (UE) 2019/1009, il-mikroorganiżmi elenkati f'lista pożittiva fl-Anness II ta' dak ir-Regolament biss jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li żżid mikroorganiżmi jew varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda ma' dik il-lista wara valutazzjoni li tikkonkludi li l-ebda waħda mill-varjanti ma tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent u li tiżgura l-effiċjenza agronomika.

Minħabba l-għadd kbir ta’ mikroorganiżmi fis-suq, il-valutazzjoni u l-inklużjoni sussegwenti ta’ mikroorganiżmi jew ta’ varjanti ta’ mikroorganiżmi ġodda fil-lista pożittiva għadhom lura meta mqabbla mal-progress xjentifiku. Il-mekkaniżmu attwali jnaqqas ir-ritmu tal-iżvilupp tal-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti u jittardja l-aċċess tal-bdiewa għal dawk il-prodotti fertilizzanti innovattivi ***li jistgħu jistimulaw il-proċessi tan-nutrizzjoni tal-pjanti*** u ***b’hekk inaqqsu*** l-użu ta’ fertilizzanti tradizzjonali.	Minħabba l-għadd kbir ta’ mikroorganiżmi fis-suq, il-valutazzjoni u l-inklużjoni sussegwenti ta’ mikroorganiżmi jew ta’ varjanti ta’ mikroorganiżmi ġodda fil-lista pożittiva għadhom lura meta mqabbla mal-progress xjentifiku. Il-mekkaniżmu attwali jnaqqas ir-ritmu tal-iżvilupp tal-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti u jittardja l-aċċess tal-bdiewa għal dawk il-prodotti fertilizzanti innovattivi***. Monitoraġġ proattiv tal-iżviluppi xjentifiċi u l-aġġornament tal-lista ta’ mikroorganiżmi jew razez ta’ mikroorganiżmi, kif ukoll tal-kriterji u l-metodoloġija rilevanti huma meħtieġa fuq bażi kontinwa. Barra minn hekk, l-aġġornamenti kollha jenħtieġ li jiġu implimentati malajr. Fl-istess ħin, il-qafas regolatorju jenħtieġ li jiżgura li*** l-użu ta’ fertilizzanti tradizzjonali ***u naturali jibqa’ għażla vijabbli u aċċessibbli, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tagħhom flimkien ma’ soluzzjonijiet mikrobiċi, sabiex ma tiġix imminata l-kompetittività jew il-produzzjoni agrikola fl-Unjoni***.

Emenda 29
Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a)Minħabba l-pass mgħaġġel tal-innovazzjoni fil-bijoteknoloġija agrikola, huwa importanti li l-proċeduri regolatorji eżistenti, inkluż l-aġġornament tal-Annessi mill-Kummissjoni, jiġu applikati b’mod f’waqtu u bbażat fuq ix-

	xjenza, filwaqt li jsir użu sħiħ mill-possibbiltajiet diġà previsti skont ir-Regolament (UE) 2019/1009. Dan jenħtieġ li jiffaċilita l-valutazzjoni f'waqtha ta' varjanti ġodda, filwaqt li jiżgura li fis-suq ikunu permessi biss dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza tal-Unjoni.

Emenda 30
Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji ***u dik il-metodoloġija jenħtieġ li*** jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent***,*** u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu	(28) ***L-użu usa' ta' bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti jista' jtejjeb l-effiċjenza fl-użu tan-nutrijenti u s-saħħa tal-ħamrija, u b'hekk irawwem l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli filwaqt li tkun produttiva ħafna.*** Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintroduċi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji ***jenħtieġ li jirriflettu l-aktar żviluppi xjentifiċi reċenti u*** jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkati

introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti, ***u*** li ***dawk*** il-konsultazzjonijiet ***isiru*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

f'CMC 7, ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent u jiżguraw effiċjenza agronomika ***filwaqt li jqisu l-kompetittività u l-produzzjoni tal-UE. Il-verifika tal-konformità tal-mikroorganiżmi mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti skont dan ir-Regolament tirrikjedi kompetenzi speċifiċi u għarfien xjentifiku u tekniku mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. Għalhekk, dawk il-kompetenzi, kif ukoll l-aspetti bħall-indipendenza, l-oġġettività, l-imparzjalità u l-integrità professjonali jenħtieġ li jiġu skrutinizzati mill-korpi nazzjonali inkarigati mill-akkreditazzjoni u n-notifika***. Sabiex tirfina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ***tinvolvi lill-korpi xjentifiċi rilevanti, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-JRC u l-ECHA, biex jirrieżaminaw u jikkontribwixxu, u*** twettaq ***ukoll*** konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti***. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni tippreserva kooperazzjoni interistituzzjonali b'saħħitha***, ***filwaqt*** li ***tinvolvi ruħha f'dawk*** il-konsultazzjonijiet***, li jenħtieġ li jitwettqu*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti

	tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
_____	_____
[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.	***[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.***

Emenda 31
Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a)Ir-Regolament (UE) 2019/1009 għandu l-għan li jiffaċilita t-tqegħid fis-suq intern u l-moviment liberu ta' prodotti fertilizzanti sikuri, filwaqt li jappoġġa r-riċiklaġġ ta' nutrijenti u l-użu ċirkolari ta' materja prima u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u għall-ambjent. L-applikazzjoni effettiva tiegħu tiddependi, fost affarijiet oħra, mir-rikonoxximent ta' punti ta' tmiem għall-materjali kostitwenti dderivati minn prodotti sekondarji mill-annimali skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/1605 stabbilixxa ċerti punti ta' tmiem għall-prodotti sekondarji mill-annimali maħsuba għal applikazzjonijiet ta' fertilizzanti. Madankollu, il-parametri tal-ipproċessar u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju inklużi fihom huma fil-

	biċċa l-kbira derivati minn oqfsa għall-iġjene tal-għalf u l-prevenzjoni tal-frodi tal-għalf u mhux dejjem jirriflettu l-mogħdijiet distinti ta' esponiment u l-profili tar-riskju tal-prodotti fertilizzanti applikati fil-ħamrija u fl-ilma.

Emenda 32
Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***Is-sustanzi kimiċi, waħedhom jew f'taħlitiet, jekk jiġu mmanifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' aktar*** minn ***1 tunnellata għal kull kumpanija fis-sena, jeħtieġ*** li ***jiġu rreġistrati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006***, ***b'rekwiżiti*** ta' ***informazzjoni skont il-volum reali. Ir-Regolament (UE) 2019/1009, li jmur lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament*** (KE) Nru 1907/2006, ***jirrikjedi*** li ***s-sustanzi kollha użati fi prodotti fertilizzanti tal-UE, irrispettivament mill-kwantità li fiha jiġu manifatturati jew importati, jiġu rreġistrati, bħala minimu***, ***bir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti mir-Regolament*** (KE) Nru ***1907/2006 għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 10 sa 100 tunnellata għal kull kumpanija fis-sena, flimkien ma' rapport dwar is-sikurezza kimika, li jkopri l-użu tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament. Dawk ir-rekwiżiti estensivi ta' informazzjoni jistgħu***	(30) ***Ir-Regolament (UE) 2019/1009 introduċa rekwiżiti ta' reġistrazzjoni addizzjonali għas-sustanzi użati fil-prodotti fertilizzanti tal-UE, li jmorru lil hinn*** minn ***dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa xieraq li r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għas-sustanzi użati fil-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' tunnellaġġ u r-rekwiżiti ta' informazzjoni rilevanti. Fl-istess ħin, għal sustanzi bi proprjetajiet partikolarment perikolużi***, ***inklużi dawk ikklassifikati skont ir-Regolament*** (KE) Nru ***1272/2008 bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi, tossiċi għar-riproduzzjoni, li jfixklu s-sistema endokrinali jew persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi, jenħtieġ li japplikaw rekwiżiti speċifiċi ta' informazzjoni anke meta tali sustanzi***

jipprevjenu lill-manifatturi, speċjalment lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, milli jużaw sustanzi li għadhom mhuwiex irreġistrati skont dawk ir-rekwiżiti jew jisfurzawhom iqiegħdu l-prodotti tagħhom biss fis-swieq nazzjonali skont ir-regoli nazzjonali. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, u meta ***jitqies l-obbligu ġenerali tal-manifatturi*** u ***tal-importaturi ta' sustanzi u ta' prodotti fertilizzanti tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u r-Regolament (UE) 2019/1009, rispettivament, li jiżguraw is-sikurezza tal-prodotti li jqiegħdu fis-suq, ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi użati fi prodotti fertilizzanti tal-UE jenħtieġ*** li ***ssegwi biss ir-rekwiżiti***, ***inklużi l-gradazzjonijiet rilevanti, stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006***.

jintużaw fi kwantitajiet baxxi fi prodotti fertilizzanti. ***Dan l-approċċ jiżgura li tkun disponibbli informazzjoni rilevanti għas-sikurezza, filwaqt li jiġu evitati piżijiet bla bżonn għal sustanzi li jippreżentaw riskji aktar baxxi. L-informazzjoni pprovduta jenħtieġ li tkun ibbażata fuq id-data disponibbli, inkluż l-użu ta' metodi u adattamenti alternattivi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006***, u ***jenħtieġ li, kull*** meta ***dan ikun rilevanti*** u ***bħala l-aħħar istanza, tevita ttestjar bla bżonn, b'mod partikolari fuq annimali vertebrati. Il-valutazzjonijiet tas-sikurezza kimika għandhom ikunu limitati għal xenarji ta' esponiment rilevanti relatati mal-użu agronomiku tal-prodotti fertilizzanti u l-ambjent. Approċċ bħal dan jiżgura qafas ibbilanċjat*** li ***jappoġġa l-innovazzjoni u l-aċċess għas-suq***, ***filwaqt li jissalvagwardja livell għoli ta' protezzjoni u ċertezza legali għall-operaturi***.

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 2 – punt 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
42. "kuntatt diġitali" tfisser kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli ***online li permezz tiegħu fornitur jista' jintlaħaq*** jew ***tista' ssir komunikazzjoni miegħu*** mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni jew li titniżżel	42. "kuntatt diġitali" tfisser kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli ***faċilment u mingħajr ħlas online bħal indirizzi elettroniċi*** jew ***weblink li permezz tagħhom fornitur jista' jiġi kkuntattjat***

applikazzjoni.	mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni jew li titniżżel ***jew tintuża*** applikazzjoni.

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"3a. Sa 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament Emendatorju, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar jekk għandux japplika tnaqqis speċifiku ulterjuri tal-elementi obbligatorji tat-tikketta għall-pakketti bejn 10 u 125 ml."

Emenda 35
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***fl-Artikolu*** 17(1)***,*** il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:	(2) ***l-Artikolu*** 17(1) ***huwa emendat kif ġej:***
	(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, l-indirizz u l-kuntatt	(a) l-isem, l-indirizz***, in-numru***

diġitali ***tal-fornituri;***;	***tat-telefon*** u l-kuntatt diġitali ***tal-fornitur***;

Emenda 37
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 17(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"In-numru tat-telefon fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu jista' jitħalla barra mit-tikketta jekk tali numru tat-telefon ikun direttament disponibbli permezz tal-kuntatt diġitali."

Emenda 38
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tikketta għandha tinkludi wkoll l-identifikatur tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 18 ***u*** l-isem, l-indirizz ***u l-kuntatt*** diġitali ***tal-fornitur*** tat-taħlita.;	It-tikketta għandha tinkludi wkoll l-identifikatur tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 18 l-isem, l-indirizz ***, il-kuntatt*** diġitali ***tal-fornitur(i)*** tat-taħlita ***u n-numru tat-telefon, sakemm dan in-numru tat-telefon ma jkunx disponibbli direttament permezz tal-kuntatt diġitali***. ***Mingħajr preġudizzju għall-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 61(8), l-inklużjoni jew il-bidla fil-kuntatt diġitali tista' tiżdied jew tiġi aġġornata fi kwalunkwe ħin jew matul iċ-ċikli regolari ta' aġġornament tat-tikketta tal-fornitur;***

Emenda 39
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) fl-Artikolu 29***, il-paragrafu*** 2 ***huwa sostitwit*** b'dan li ġej:	(4) fl-Artikolu 29 ***il-paragrafi 1 u*** 2 ***huma sostitwiti*** b'dan li ġej:
1. ***Fejn*** l-imballaġġ ta' sustanza jew ***ta'*** taħlita ***huwa*** jew ***f'għamla*** jew forma ***tali*** jew ***huwa*** daqstant żgħir li ***huwa*** impossibbli li jissodisfa r-rekwiżiti ***tal-Artikolu 34*** għal tikketta fil-lingwi tal-Istat Membru ***fejn is-sustanza*** jew it-taħlita ***jitqiegħdu*** fis-suq, l-elementi tat-tikketta ***skond l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu*** 17(***2***) għandhom ***ikunu*** pprovduti ***skond*** it-taqsima 1.5.1 tal-Anness I.	***"1. Meta*** l-imballaġġ ta' sustanza jew taħlita ***jkun*** jew ***f'tali għamla*** jew forma jew ***ikun*** daqstant żgħir li ***jkun*** impossibbli li jissodisfa r-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 31*** għal tikketta fil-lingwi tal-Istat Membru ***meta s-sustanza*** jew it-taħlita ***titqiegħed*** fis-suq, l-elementi tat-tikketta ***stabbiliti fl-Artikolu*** 17(***1***) għandhom ***jiġu*** pprovduti ***skont*** it-taqsima 1.5.1 tal-Anness I.***;"***

Emenda 40
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 17(1) jistgħu jitnaqqsu f'konformità mar-regoli stabbiliti fit-Taqsima 1.5.2 tal-Anness I.;	2. L-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 17(1) jistgħu jitnaqqsu f'konformità mar-regoli stabbiliti fit-Taqsima 1.5.2***.*** tal-Anness I***, meta: a) il-kontenut tal-imballaġġ ta' sustanza jew taħlita ma jaqbiżx il-kwantitajiet indikati fit-Taqsima 1.5.2. tal-Anness I***; ***u b) l-imballaġġ ikun jew f'tali għamla jew forma jew ikun żgħir wisq fid-daqs tant li ma jippermettix referenza sħiħa għall-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 31 fil-lingwi kollha tal-Istat Membru***

li fih is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq.”

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	2a. B’deroga mill-Artikolu 17(1) u l-Artikolu 25(6), l-elementi tat-tikketta tal-cartridges tal-linka jistgħu jitnaqqsu skont ir-regoli stabbiliti fit-Taqsima 1.5.2.5a, tal-Anness I. Għall-fini ta’ dan il-paragrafu, “cartridge tal-linka” tfisser unità sostitwibbli li żżomm il-linka u li trid tkun imdaħħla fi printer waqt l-istampar.

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F’każ ta’ bidla fir-rigward tal-klassifikazzjoni jew tal-ittikkettar ta’ sustanza jew taħlita, li tirriżulta fiż-żieda ta’ klassi ta’ periklu ġdida jew fi klassifikazzjoni aktar severa, jew li tirrikjedi informazzjoni supplimentari ġdida fuq it-tikketta f’konformità mal-Artikolu 25, il-fornitur ta’ dik is-sustanza jew ta’ dik it-taħlita għandu jiżgura li t-tikketta tiġi aġġornata mingħajr dewmien żejjed wara li jinkisbu r-riżultati tal-evalwazzjoni l-ġdida msemmija fl-	1. F’każ ta’ bidla fir-rigward tal-klassifikazzjoni jew tal-ittikkettar ta’ sustanza jew taħlita, li tirriżulta fiż-żieda ta’ klassi ta’ periklu ġdida jew fi klassifikazzjoni aktar severa, jew li tirrikjedi informazzjoni supplimentari ġdida fuq it-tikketta f’konformità mal-Artikolu 25, il-fornitur ta’ dik is-sustanza jew ta’ dik it-taħlita għandu jiżgura li t-tikketta tiġi aġġornata mingħajr dewmien żejjed ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tmintax-il xahar***

Artikolu 15(4) minn dak il-fornitur jew jiġu komunikati lilu.”;	wara li jinkisbu r-riżultati tal-evalwazzjoni l-ġdida msemmija fl-Artikolu 15(4) minn dak il-fornitur jew jiġu komunikati lilu.”; ***Bil-ħsieb li jitlestew il-bidliet fl-ittikkettar mingħajr dewmien żejjed, il-fornituri għandhom jikkooperaw f’konformità mal-Artikolu 4(9) u jinfurmaw lill-utenti downstream diretti tagħhom dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni l-ġdida kif imsemmi fis-subparagrafu 1 f’konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Il-fornituri jistgħu japplikaw il-klassifikazzjonijiet ġodda jew aġġornati u jadattaw l-ittikkettar kif xieraq fuq bażi volontarja qabel l-iskadenza tal-perjodu ta’ tmintax-il xahar, sabiex jiżguraw livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u biex jipprovdu biżżejjed flessibbiltà;***

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17(1) għandhom ikunu mmarkati b’mod ċar u li ma jitħassarx. Dawn għandhom jispikkaw b’mod ċar mill-isfond u jkunu ta’ tali daqs u ***jkunu*** spazjati b’tali mod li jkunu jistgħu jinqraw faċilment.;	3. L-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17(1) għandhom ikunu mmarkati b’mod ċar u li ma jitħassarx. Dawn għandhom jispikkaw b’mod ċar mill-isfond u jkunu ta’ tali daqs u spazjati b’tali mod li jkunu jistgħu jinqraw faċilment***. Dawn għandhom jiġu fformattjati f’konformità mat-Taqsima 1.2.1 tal-Anness I***.;

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe reklam lill-pubbliku ġenerali ta' sustanza jew taħlita klassifikata bħala perikoluża jew taħlita li jkun fiha sustanzi msemmija fil-Parti 2 tal-Anness II għandu jinkludi s-sentenza: "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah.".	1. Kwalunkwe reklam lill-pubbliku ġenerali ta' sustanza jew taħlita klassifikata bħala perikoluża jew taħlita li jkun fiha sustanzi msemmija fil-Parti 2 tal-Anness II għandu ***dejjem*** jinkludi s-sentenza: "Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah."***, u għandu jinkludi wkoll wieħed minn dawn li ġejjin: a) il-pittogramm(i) tal-periklu applikabbli; jew b) il-kelma bħala sinjal rilevanti f'konformità mal-Artikolu 20***.

Emenda 45
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għar-reklamar lill-utenti professjonali għal sustanzi jew taħlitiet maħsuba għall-użu waqt l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħhom, dment li r-reklam ma jkunx immirat lejn il-pubbliku ġenerali jew ma jkunx disponibbli għalih direttament.

Emenda 46
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 48a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 48a	Artikolu 48a
Offerti ta’ bejgħ mill-bogħod	Offerti ta’ bejgħ mill-bogħod
Meta s-sustanzi jew taħlitiet jitqiegħdu fis-suq għall-pubbliku ġenerali permezz ta’ bejgħ mill-bogħod, l-offerta għandha tindika b’mod ċar u viżibbli l-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17***.”***	***1.*** Meta s-sustanzi jew taħlitiet jitqiegħdu fis-suq għall-pubbliku ġenerali permezz ta’ bejgħ mill-bogħod, l-offerta għandha tindika b’mod ċar u viżibbli l-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17***;***
	2*. *Il-paragrafu 1 japplika wkoll għall-offerti ta’ bejgħ mill-bogħod lill-utenti professjonali għal sustanzi jew taħlitiet maħsuba għall-użu waqt l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħhom, jekk l-offerta tħalli lil membru tal-pubbliku ġenerali jikkonkludi kuntratt mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (7) tad-Direttiva 2011/83/UE;

Emenda 47
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Artikolu 61 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Is-sustanzi u t-taħlitiet li jkunu ġew ikklassifikati, ittikkettati u imballati f’konformità mal-Artikolu 18(3) kif applikabbli fid-9 ta’ Diċembru 2024 u li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta’ Jannar 2027 ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġu kklassifikati, ittikkettati u imballati f’konformità ma’ dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sal-1 ta’ Jannar 2029.”	8. Is-sustanzi u t-taħlitiet li jkunu ġew ikklassifikati, ittikkettati u imballati f’konformità mal-Artikolu 18(3) kif applikabbli fid-9 ta’ Diċembru 2024 u li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta’ Jannar 2027 ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġu kklassifikati, ittikkettati u imballati f’konformità ma’ dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sal-1 ta’ Jannar 2029***. Is-sustanzi***

	u t-taħlitiet li jkunu ġew ikklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità mal-Artikolu 31(3) u t-Taqsima 1.2.1. tal-Anness I kif applikabbli fid-9 ta' Diċembru 2024 u li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2028 ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġu kklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità ma' dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2030."

Emenda 48
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 14a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha ***tfittex opinjoni*** tal-SCCS dwar is-sikurezza tas-sustanza għall-użu fil-prodotti kożmetiċi mingħajr dewmien żejjed.	2. Wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha ***titlob l-opinjoni*** tal-SCCS dwar is-sikurezza tas-sustanza għall-użu fil-prodotti kożmetiċi mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 49
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt i
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Madankollu, tali sustanzi jistgħu jintużaw fi prodotti kożmetiċi jekk titressaq talba għal deroga lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn ***3*** xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Parti 3 tal-Anness VI tar-	2. Madankollu, tali sustanzi jistgħu jintużaw fi prodotti kożmetiċi ***b'mod eċċezzjonali,*** jekk titressaq talba għal deroga lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn ***tliet*** xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-

Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jikklassifikaw is-sustanza bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A jew 1B. Il-Kummissjoni ***għandha*** tagħti d-deroga meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jikklassifikaw is-sustanza bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A jew 1B***, u l-Kummissjoni tagħti d-deroga mill-projbizzjoni ġenerali stabbilita fis-subparagrafu 1***. Il-Kummissjoni ***tista'*** tagħti d-deroga meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Emenda 50
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a – punt i
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sustanzi jkunu ġew evalwati u nstabu li huma sikuri mill-SCCS għal użu partikolari ***tal-kategorija*** tal-prodotti kożmetiċi***,*** meta jitqies l-esponiment ***għal dawk il-prodotti, l-esponiment ġenerali*** minn sorsi għajr il-kożmetiċi u ta' gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni***.***.	(b) is-sustanzi jkunu ġew evalwati u nstabu li huma sikuri mill-SCCS għal użu partikolari ***wieħed jew aktar tal-kategoriji*** tal-prodotti kożmetiċi meta jitqies l-esponiment ***ġenerali mill-użi f'dawk il-kategoriji tal-prodotti kif ukoll*** minn sorsi għajr il-kożmetiċi u ta' gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni.

Emenda 51
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi jirriżulta ***f'riskju*** ġenerali ***mnaqqas*** għas-saħħa tal-bniedem ***u għall-ambjent***;	(a) l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ***huwa sigur u*** jirriżulta ***fit-tnaqqis tar-riskju*** ġenerali għas-saħħa tal-bniedem***, meta tiġi vvalutata vis-à-vis is-sustanza li hija maħsuba li tissostitwixxi***;

Emenda 52
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tipprovdi funzjoni ekwivalenti għas-sustanza klassifikata, fi prodott kożmetiku lest b'effett ***simili u bl-istess livell ta' effikaċja***;	(b) tipprovdi funzjoni ekwivalenti għas-sustanza klassifikata, fi prodott kożmetiku lest b'effett***, livell ta' effikaċja u prestazzjoni komparabbli***;

Emenda 53
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tkun teknikament fattibbli u ***ekonomikament vijabbli***;	(c) tkun teknikament ***u ekonomikament*** fattibbli ***sakemm il-kostijiet*** u ***l-kundizzjonijiet tal-provvista jippermettu produzzjoni sostnuta***;

Emenda 54
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) mhijiex ristretta***, mhijiex protetta minn drittijiet esklużivi,*** u ***hija*** disponibbli fis-suq fuq skala kbira***,*** fi kwantitajiet ***kbar biżżejjed*** biex tiġi ssodisfata d-domanda attwali ***u*** mistennija.***"***	(d) mhijiex ristretta u ***lanqas mhija*** disponibbli fis-suq fuq skala kbira ***u*** fi kwantitajiet ***suffiċjenti*** biex tiġi ssodisfata d-domanda attwali ***jew għandha l-potenzjal li tissodisfa d-domanda*** mistennija ***fi żmien raġonevoli***.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iia (ġdid)
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) Is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara t-tielet subparagrafu:
	"Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti għall-fini tat-tieni subparagrafu, il-punt (a) u għall-fini tat-tielet subparagrafu."

Emenda 56
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii – parti introduttorja
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ***is-subparagrafu*** li ***ġej jiddaħħal*** wara r-raba' subparagrafu:	(iii) ***is-subparagrafi*** li ***ġejjin jiddaħħlu*** wara r-raba' subparagrafu:

Emenda 57
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskadenza stabbilita fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tibda fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għall-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jikklassifikaw is-sustanza kkonċernata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, jew 1B.***;***	L-iskadenza stabbilita fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tibda fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għall-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jikklassifikaw is-sustanza kkonċernata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, jew 1B.

Emenda 58
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Meta talba għal deroga msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tkun ġiet sottomessa għas-sustanzi CMR tal-kategorija 1A jew 1B, din l-iskadenza, meta dan ikun rilevanti, tista' tiġi estiża bi tnax-il xahar.

Emenda 59
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal sustanza fejn ir-rotta ta' esponiment orali jew ta' teħid man-nifs għall-klassifikazzjoni armonizzata tas-sustanzi CMR tkun ġiet indikata b'mod espliċitu fil-kolonna "Kodiċi tad-dikjarazzjoni tal-periklu" taħt il-"Klassifikazzjoni" fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Jekk jirriżulta riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem minn prodotti kożmetiċi li fihom tali sustanza minħabba inġestjoni jew teħid man-nifs inċidentali, il-Kummissjoni għandha titlob opinjoni tal-SCCS dwar is-sikurezza tas-sustanza	***imħassar***

kkonċernata f'dawk it-tipi ta' prodotti speċifiċi mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 60
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal ***sustanza estratta*** minn pjanti jew partijiet ta' pjanti u mhux modifikata kimikament kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li fiha aktar minn kostitwent wieħed, li mill-inqas wieħed minnhom ikun ġie kklassifikat bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Jekk*** riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem ***jirriżulta mill-użu*** ta' tali ***sustanza*** fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni għandha ***tfittex*** opinjoni tal-SCCS dwar is-sikurezza ta' dik ***is-sustanza għall-użu tagħha*** fil-prodotti kożmetiċi mingħajr dewmien ***żejjed***.	6. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal ***sustanzi estratti*** minn pjanti jew partijiet ta' pjanti u mhux modifikata kimikament kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li fiha aktar minn kostitwent wieħed, li mill-inqas wieħed minnhom ikun ġie kklassifikat bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Billi iista' jirriżulta riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem mill-preżenza ta' tali kostitwent ikklassifikat bħala CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 f'tali sustanzi fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien titlob opinjoni tal-SCCS dwar is-sikurezza ta' dak il-kostitwent għall-preżenza tiegħu fil-prodotti kożmetiċi. L-SCCS għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien 12-il xahar mit-talba tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' testendi dik l-iskadenza b'sitt xhur jekk tkun meħtieġa evidenza addizzjonali. L-SCCS għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien sitt xhur minn meta tiġi sottomessa l-***

	informazzjoni addizzjonali. L-opinjoni tal-SCCS għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Filwaqt li tqis l-opinjoni tal-SCCS, u meta riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' sustanza msemmija fl-ewwel subparagrafu fil-prodotti kożmetiċi ***li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 għas-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni għandha,*** mingħajr dewmien***, temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "pjanti" tirreferi għal organiżmi ħajjin jew mejtin mir-renji Plantae u Fungi, inklużi l-alka, il-likeni u l-ħmira.***

Emenda 61
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-prodotti kożmetiċi li jkun fihom sustanza kklassifikata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ipprojbita milli tintuża fi prodotti kożmetiċi jew tali sustanza li ma tkunx konformi ma' restrizzjoni jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq għal ***12-il*** xahar u jitpoġġew għad-dispożizzjoni fis-suq għal ***24*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għall-Annessi rilevanti ta' dan ir-Regolament.***"***	7. ***Il-prodotti kożmetiċi li jkun fihom sustanza kklassifikata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ipprojbita milli tintuża fi prodotti kożmetiċi u li għaliha ma tressqet l-ebda talba għal deroga f'konformità mal-paragrafu 2, jew tali sustanza li ma tkunx konformi ma' restrizzjoni, jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq għal 6 xhur, u jkunu disponibbli fis-suq għal 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għall-Annessi***

rilevanti ta' dan ir-Regolament. Il-prodotti kożmetiċi li jkun fihom sustanza kklassifikata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ipprojbita milli tintuża fi prodotti kożmetiċi u li għaliha tressqet talba għal deroga f'konformità mal-paragrafu 2, iżda li ma ngħatatx minħabba tħassib dwar is-sikurezza mill-SCCS, jew tali sustanza li ma tkunx konformi ma' restrizzjoni, jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq għal 3 xhur, u jkunu disponibbli fis-suq għal 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għall-Annessi rilevanti ta' dan ir-Regolament. Il-prodotti kożmetiċi li jkun fihom sustanza kklassifikata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ipprojbita milli tintuża fi prodotti kożmetiċi jew tali sustanza li ma tkunx konformi ma' restrizzjoni ***u li għaliha tressqet talba għal deroga f'konformità mal-paragrafu 2, iżda li ma ngħatatx minħabba d-disponibbiltà ta' alternattiva xierqa,*** jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq għal ***24*** xahar u jitpoġġew għad-dispożizzjoni fis-suq għal ***48*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għall-Annessi rilevanti ta' dan ir-Regolament***, u r-rapport aġġornat dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku (CPSR) jibqa' disponibbli meta dan ikun meħtieġ***.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-Artikolu 16, ***jitħassru l-paragrafi 3*** u ***7;***	(3) Fl-Artikolu 16, ***il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	3. Minbarra n-notifika skont l-Artikolu 13, prodotti kożmetiċi li jkun fihom nanomaterjali għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni mill-persuna responsabbli b'mezz elettroniku qabel ma jitqiegħdu fis-suq. L-ewwel subparagrafi m'għandhomx japplikaw għal prodotti kożmetiċi li fihom nanomaterjali li jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III. L-informazzjoni notifikata lill-Kummissjoni għandha tinkludi mill-inqas:
	(a) l-identifikazzjoni tan-nanomaterjal inkluż l-isem kimiku tiegħu (IUPAC) u deskritturi oħrajn kif speċifikat fil-punt 2 tal-Preambolu għall-Annessi II sa VI, u
	(b) l-ispeċifikazzjoni tan-nanomaterjal inkluż id-daqs tal-partiċelli u l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi.
	Il-persuna responsabbli tista' taħtar persuna fiżika jew ġuridika oħra b'mandat bil-miktub għan-notifika ta' nanomaterjali u għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar dan. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi numru ta' referenza għas-sottomissjoni, li jista' jissostitwixxi l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata f'każ tal-istess

	nanomaterjal użat fi prodotti differenti.

Emenda 63
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009
Artikolu 19 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	‘6a. Meta prodotti kożmetiċi jitpoġġew għad-dispożizzjoni fis-suq permezz ta’ bejgħ mill-bogħod, l-offerta għandha tindika b’mod ċar u viżibbli l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1.”

Emenda 64
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) l-Annessi II sa VI huma emendati f’konformità mal-Anness III ta’ dan ir-Regolament.	***imħassar***

Emenda 65
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe ***mezz ta’ komunikazzjoni*** aġġornat u aċċessibbli online li permezz tiegħu ***l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew tista’ ssir***	“kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe ***kanal tal-komunikazzjoni*** aġġornat u aċċessibbli ***liberament*** online li permezz tiegħu ***operatur ekonomiku jista’ jiġi***

komunikazzjoni magħhom mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni ***jew li titniżżel applikazzjoni***;"	***kkuntattjat*** mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni***, download jew użu*** ta' ***applikazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-operatur ekonomiku***;"

Emenda 66
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun akkumpanjat minn indirizz tal-internet jew minn trasportatur tad-data li permezz tiegħu tkun tista' tiġi aċċessata ***d-dikjarazzjoni*** ta' konformità tal-UE.;	"Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun akkumpanjat minn indirizz tal-internet jew minn trasportatur tad-data li permezz tiegħu tkun tista' tiġi aċċessata ***direttament id-dikjarazzjoni*** ta' konformità tal-UE.;

Emenda 67
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 6 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-manifatturi għandhom jindikaw fuq l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti tal-UE isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trademark reġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, fejn il-prodott fertilizzanti tal-UE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti tal-UE. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandu jindika punt uniku li permezz tiegħu jkun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur."	Il-manifatturi għandhom jindikaw fuq l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti tal-UE isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trademark reġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, fejn il-prodott fertilizzanti tal-UE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti tal-UE. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandu jindika punt uniku li permezz tiegħu jkun jista' jiġi kkuntattjat ***malajr*** il-manifattur."

Emenda 68
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika, li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data li permezz tiegħu tkun tista' tiġi aċċessata ***d-dikjarazzjoni*** ta' konformità tal-UE u, fejn xieraq, minn dokumenti oħra meħtieġa, u li l-manifattur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(5) u (6)."	Huma għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika, li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data li permezz tiegħu tkun tista' tiġi aċċessata ***direttament id-dikjarazzjoni*** ta' konformità tal-UE u, fejn xieraq, minn dokumenti oħra meħtieġa, u li l-manifattur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(5) u (6)."

Emenda 69
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 8 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-importaturi għandhom, għal 5 snin wara li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun tqiegħed fis-suq, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun tista' ssir disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, fuq talba.	L-importaturi għandhom, għal 5 snin wara li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun tqiegħed fis-suq, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun tista' ssir disponibbli ***malajr*** għal dawk l-awtoritajiet, fuq talba.

Emenda 70
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 8 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq talba, l-importaturi għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE disponibbli għal operaturi ekonomiċi oħra f’forma elettronika.”	Fuq talba, l-importaturi għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE disponibbli għal operaturi ekonomiċi oħra f’forma elettronika ***malajr***.”

Emenda 71
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jpoġġu għad-dispożizzjoni fis-suq prodott fertilizzanti tal-UE, id-distributuri għandhom jivverifikaw li dan ikun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew mit-trasportatur tad-data li permezz tiegħu tista’ tiġi aċċessata ***d-dikjarazzjoni*** tal-konformità tal-UE u, fejn xieraq, mid-dokumenti meħtieġa l-oħra, inkluż l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(7) jew l-Artikolu 8(4) ipprovduta bil-mod speċifikat fihom, b’lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin fl-Istat Membru li fih il-prodott fertilizzanti tal-UE jkun se jitpoġġa għad-dispożizzjoni fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6(5) u (6) u l-Artikolu 8(3) rispettivament.***”***	Qabel ma jpoġġu għad-dispożizzjoni fis-suq prodott fertilizzanti tal-UE, id-distributuri għandhom jivverifikaw li dan ikun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew mit-trasportatur tad-data li permezz tiegħu tista’ tiġi aċċessata ***direttament id-dikjarazzjoni*** tal-konformità tal-UE u, fejn xieraq, mid-dokumenti meħtieġa l-oħra, inkluż l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(7) jew l-Artikolu 8(4) ipprovduta bil-mod speċifikat fihom, b’lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin fl-Istat Membru li fih il-prodott fertilizzanti tal-UE jkun se jitpoġġa għad-dispożizzjoni fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(5) u (6) u l-Artikolu 8(3) rispettivament.

Emenda 72
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 16 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għandha tiġi pprovduta f'format li jinqara mill-magni ***u miftuħ kif definit fl-Artikolu 2, il-punti (13) u (14), tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**** ***u*** li ***jissodisfa r-rekwiżiti għat-tikketti diġitali stabbiliti fl-Artikolu 11b(4), il-punti (a) sa (d)***.	Id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għandha tiġi pprovduta f'format li jinqara mill-magni li ***permezz tiegħu tkun tista' tiġi aċċessata direttament***.

Emenda 73
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 42 – paragrafu 4a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll atti delegati skont il-paragrafu 1 li jemendaw l-Anness II biex tistabbilixxi kriterji u metodoloġija għall-valutazzjoni ta' mikroorganiżmi għajr dawk elenkati fl-Anness II, li, jekk ***il-konformità*** ma' dawk il-kriterji ***tintwera*** fil-valutazzjoni tal-konformità tal-prodott fertilizzanti tal-UE f'konformità ma' dik il-metodoloġija, jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE. Il-kriterji u l-metodoloġija għandhom jippermettu ***l-verifika*** li l-mikroorganiżmi jissodisfaw il-kriterji fil-paragrafu 1, il-punt (b), u jipprevedu, bħala minimu, il-kunsiderazzjoni tal-elementi li ġejjin:	Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll atti delegati skont il-paragrafu 1 li jemendaw l-Anness II biex tistabbilixxi kriterji u metodoloġija għall-valutazzjoni ta' mikroorganiżmi għajr dawk elenkati fl-Anness II, li, jekk ***manifattur juri l-konformità*** ma' dawk il-kriterji fil-valutazzjoni tal-konformità tal-prodott fertilizzanti tal-UE f'konformità ma' dik il-metodoloġija, ***u jekk il-korpi notifikati jivverifikaw dan,*** jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE. Il-kriterji u l-metodoloġija għandhom jippermettu ***korp notifikat jivverifika*** li l-mikroorganiżmi jissodisfaw il-kriterji fil-paragrafu 1, il-punt (b), u jipprevedu, bħala minimu, il-kunsiderazzjoni tal-elementi li ġejjin:

Emenda 74
Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 42 – paragrafu 4aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jiddaħħal il-paragrafu 4aa li ġej:
	‘4aa. Il-Kummissjoni tista’ tadotta wkoll atti delegati skont il-paragrafu 1 li jemendaw l-Anness II biex tistabbilixxi kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-materjali u l-metodi ta’ pproċessar għajr dawk diġà elenkati fl-Anness II, esklużi l-mikroorganiżmi, li jistgħu jintużaw bħala materjali komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE meta l-konformità ma’ dawk il-kriterji tintwera fil-valutazzjoni tal-konformità. Il-kriterji u l-metodoloġija għandhom, bħala minimu, jipprevedu l-konsiderazzjoni ta’ informazzjoni xjentifika jew teknika li tappoġġa t-tiftix ta’ sorsi ta’ provvista, l-ipproċessar u l-użu sikuri tal-materjal.”

Emenda 75
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 42 – paragrafu 4ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jiddaħħal il-paragrafu 4ab li ġej:
	4 ab. Sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] il-Kummissjoni għandha

tadotta att delegat biex tistabbilixxi l-kriterji u l-metodoloġija u mal-valutazzjoni toħloq kategorija ġdida korrispondenti għall-materjali u l-metodi ta' pproċessar għajr dawk diġà elenkati fl-Anness II, esklużi l-mikroorganiżmi, li jistgħu jintużaw bħala materjali komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE dment li l-konformità ma' dawk il-kriterji tintwera fil-valutazzjoni tal-konformità. Il-kriterji u l-metodoloġija għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-provvista, l-ipproċessar u l-użu sikuri tal-materjal. Din il-kategorija l-ġdida għandha tiġi stabbilita mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kategoriji oħra ta' materjali komponenti stabbiliti fl-Anness II."

Emenda 76
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9 – punt ba (ġdid)
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 42 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej
	'5a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-prodotti derivati minn prodotti sekondarji tal-annimali li jintużaw biss bħala materjali komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE jistgħu jitpoġġew għad-dispożizzjoni fis-suq biss meta joriġinaw minn prodotti sekondarji tal-annimali jew minn prodotti derivati li jkunu laħqu punt aħħari fil-katina tal-manifattura f'konformità mal-

Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Meta tiddetermina tali punti aħħarin għall-prodotti derivati maħsuba għall-użu fi prodotti fertilizzanti tal-UE, il-Kummissjoni għandha tiżgura li: a) il-kriterji tal-ipproċessar u tas-sikurezza, kif ukoll kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju meħtieġa, ikunu proporzjonati u suffiċjenti biex tiġi żgurata protezzjoni ta' livell għoli għas-saħħa tal-bniedem, speċifikament b'rabta mal-użi fertilizzanti; b) dawk il-kriterji u l-miżuri jkunu xierqa għar-riskji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-prodotti fertilizzanti fil-ħamrija u fl-ilma; u c) dawk il-kriterji u l-miżuri jkunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 42(5) ta' dan ir-Regolament. Meta atti delegati jew ta' implimentazzjoni eżistenti adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 ma jissodisfawx dawk il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha, meta dan ikun xieraq u f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dak ir-Regolament, tirrieżaminahom u, meta jkun meħtieġ, temendahom biex tiżgura tali konsistenza. Għal dak il-fini, il-Kummissjoni għandha, meta dan ikun rilevanti, titlob opinjonijiet xjentifiċi mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex tivvaluta riskji li huma speċifiċi għall-użi fertilizzanti, filwaqt li tqis il-perkorsi ta' esponiment li huma distinti minn dawk assoċjati mal-għalf jew ma' użi oħra."

Emenda 77
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bb (ġdid)
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 42 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b b) Jiżdied il-paragrafu li ġej: ‘8a. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-ewwel att delegat skont il-paragrafu 4a sa … [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].”

Emenda 78
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bc (ġdid)
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 49a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) “Artikolu 49a
	Rieżami
	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta perjodikament jekk ir-rekwiżiti li jirregolaw it-trattament tal-materjali maħsuba għall-użu fil-prodotti fertilizzanti jibqgħux xierqa u, meta jkun meħtieġ, tadattahom fid-dawl tal-avvanzi xjentifiċi u tekniċi, filwaqt li tqis il-prattiki nazzjonali, u l-objettivi tar-Regolament (UE) 2019/1009. Dan ir-rieżami għandu jitwettaq għall-ewwel darba mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.”

Emenda 79
Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bd (ġdid)
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Artikolu 49aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b d) Sa [id-data għandha tiddaħħal hawnhekk: 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta r-rekwiżiti għat-taħlitiet ta' prodotti fertilizzanti fejn il-komponent primarju jkun materjal għat-tkabbir wieħed jew aktar li jappartjeni għall-PFC 4.
	Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jevalwa l-kundizzjonijiet għall-aġġustament tal-kontenut tan-nutrijenti, il-valur tal-pH jew l-attività bijoloġika, ir-rekwiżiti aġġornati tal-ittikkettar, u l-proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità għal taħlitiet bħal dawn u jista' jakkumpanja, fejn xieraq, emendi għal dan ir-Regolament.

Emenda 80
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 2
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – it-Taqsima 1.2.1.5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) fl-Anness I, it-Taqsima 1.2.1.5 ***titħassar***;	(2) fl-Anness I, it-Taqsima 1.2.1.5 ***hija sostitwita b'dan li ġej: It-test fuq it-tikketta għandu jkun jista' jinqara. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, tikketta għandha titqies li tista' tinqara jekk id-dehra fiżika tal-informazzjoni, li permezz tagħha l-***

informazzjoni tkun aċċessibbli viżwalment, tiġi ddeterminata minn diversi elementi, fost l-oħrajn, id-daqs tat-tipa, l-ispazju bejn l-ittri, l-ispazju bejn il-linji, il-wisa' tal-ittri, il-kulur tat-tipa, it-tipografija, il-proporzjon bejn il-wisa' u l-għoli tal-ittri, il-wiċċ tal-materjal, u l-kuntrast sinifikanti bejn l-ittri stampati u l-isfond. Għandu jkollha mill-inqas il-karatteristiċi li ġejjin: (a) tkun stampata b'kulur konstrastanti meta mqabbel mal-isfond; (b) tintuża tipografija waħda li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs; (d) jintuża spazju xieraq bejn l-ittri biex it-tipografija magħżula tkun tista' tinqara faċilment. (d) ikun hemm biżżejjed spazju bejn il-linji biex it-tipografija magħżula tkun tista' tinqara faċilment u biex jiġi żgurat li l-linji tat-test ma jitrikkbux; (e) daqs xieraq tat-tipa fir-rigward tad-daqs tat-tikketta u l-elementi meħtieġa tat-tikketta u l-utent maħsub. Għal sustanzi jew taħlitiet li jitpoġġew għad-dispożizzjoni fis-suq għall-pubbliku ġenerali, l-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17(1) għandhom jużaw daqs tat-tipa fejn l-għoli x ikun daqs jew akbar minn 1,2 mm. Madankollu, meta l-kontenut tal-pakkett ma jaqbiżx il-125 ml, l-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17(1) jistgħu jużaw daqs tat-tipa fejn l-għoli 'x' ikun daqs jew akbar minn 0,9 mm. Dawn il-karatteristiċi għandhom jiġu ċċarati aktar fil-gwida tal-ECHA dwar il-leġġibbiltà u l-preżentazzjoni tat-tikketta li

	għandha tiġi żviluppata skont dan ir-Regolament. Il-konformità ma' din it-taqsima għandha tiġi vvalutata abbażi tal-leġġibbiltà ġenerali ta' din it-tikketta u għandha tiġi applikata b'mod kompatibbli mal-karatteristiċi fiżiċi u l-limitazzjonijiet tekniċi tal-imballaġġ, inklużi d-daqs kif ukoll l-utent maħsub.

Emenda 81
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – it-Taqsima 1.5.1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.5.1.2. Fejn tapplika t-Taqsima 1.5.1.1, it-tikketta fuq kwalunkwe imballaġġ ta' ġewwa għandu jkun fiha mill-inqas il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, l-identifikatur tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 18(2) għas-sustanzi jew l-isem kummerċjali jew id-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(3), il-punt (a) għal taħlitiet, ***u l-isem*** u ***l-kuntatt diġitali*** tal-fornituri tas-sustanza jew tat-taħlita***.***;	1.5.1.2. Fejn tapplika t-Taqsima 1.5.1.1, it-tikketta fuq kwalunkwe imballaġġ ta' ġewwa għandu jkun fiha mill-inqas il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, l-identifikatur tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 18(2) għas-sustanzi jew l-isem kummerċjali jew id-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(3), il-punt (a) għal taħlitiet, ***l-isem, il-kuntatt diġitali*** u ***n-numru tat-telefon*** tal-fornituri tas-sustanza jew tat-taħlita ***sakemm in-numru tat-telefon ma jkunx disponibbli direttament permezz tal-kuntatt diġitali***;

Emenda 82
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 5
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – it-Taqsima 1.5.2.4.1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sustanza jew it-taħlita teħtieġ ittikkettar f'konformità	(b) is-sustanza jew it-taħlita teħtieġ ittikkettar f'konformità

mal-Parti 1 jew ***2 tal-Anness II, ħlief għat-Taqsima 2.8 tal-Parti*** 2 tal-Anness II, u ma hijiex ikklassifikata fi kwalunkwe waħda mill-klassijiet u l-kategoriji ta' periklu li ġejjin:	mal-Parti 1 jew 2 tal-Anness II, u ma hijiex ikklassifikata fi kwalunkwe waħda mill-klassijiet u l-kategoriji ta' periklu li ġejjin:

Emenda 83
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 7
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – it-Taqsima 1.5.2.4.3 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sustanza jew it-taħlita ma teħtieġx ittikkettar f'konformità mal-Parti 1 jew 2 tal-Anness II, ***ħlief għat-Taqsima 2.8 tal-Parti 2 tal-Anness II;***	(b) is-sustanza jew it-taħlita ma teħtieġx ittikkettar f'konformità mal-Parti 1 jew 2 tal-Anness II,

Emenda 84
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – it-Taqsima 1.5.2.4.3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) fl-Anness I, tiżdied it-Taqsima 1.5.2.4.3a: "Fejn tapplika t-Taqsima 1.5.2.4.3a, it-tikketta fuq l-imballaġġ għandu jkun fiha l-identifikatur tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 18(2) għas-sustanzi jew l-isem kummerċjali jew id-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(3), il-punt (a), għal taħlitiet, u, fejn applikabbli, il-pittogrammi tal-periklu "GHS01" jew "GHS05".

Emenda 85
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – it-Taqsima 1.5.2.5.a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) fl-Anness I, tiżdied it-Taqsima 1.5.2.5a: Ittikkettar ta' cartridges tal-linka fejn il-kontenut ma jaqbiżx 150 ml;
	1.5.2.5a1: L-elementi tat-tikketta meħtieġa mill-Artikolu 17 jistgħu jitnaqqsu f'konformità ma' 1.5.2.5a.2 u 1.5.2.5a.3 meta:
	(a) il-kontenut tal-cartridges tal-linka ma jaqbiżx il-150 ml
	(b) l-imballaġġ ta' barra jikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17.; u
	(c) l-informazzjoni dwar il-periklu tal-imballaġġ ta' barra tinżamm mal-printer
	1.5.2.5a.2: Meta tapplika t-Taqsima 1.5.2.5a.1 it-tikketta fuq il-cartridges tal-linka u kwalunkwe imballaġġ intermedju għandu jkun fiha mill-inqas:
	(a) l-identifikatur tal-prodott f'konformità mal-Artikolu 18(2) għas-sustanzi u l-Artikolu 18(3), għat-taħlitiet;
	(b) fejn applikabbli il-pittogrammi;
	(c) fejn applikabbli l-identifikatur uniku tal-formula;
	(d) l-isem, l-isem reġistrat jew it-trademark tal-fornitur; u
	(e) in-numru tat-telefon jew il-kuntatt diġitali
	1.5.2.5a.3: Meta tapplika t-Taqsima 1.5.2.5a.1 u l-kontenut tal-cartridges tal-linka ma jaqbiżx it-30 ml l-

	informazzjoni meħtieġa mit-Taqsima 1.5.2.5a.1 tista' tkompli titnaqqas sabiex it-tikketta fuq il-cartridges tal-linka jkun fiha mill-inqas:
	(a) l-identifikatur tal-prodott f'konformità mal-Artikolu 18(2) għas-sustanzi u l-Artikolu 18(3) għat-taħlitiet; u
	(b) fejn applikabbli l-pittogrammi li ġejjin: GHS01, GHS05, GHS06, GHS08. GHS07, GHS09, Meta jiġu assenjati aktar minn żewġ pittogrammi, GHS06 u GHS08 jistgħu jingħataw preċedenza fuq GHS01 u GHS05.

Emenda 86
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 8
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – it-Taqsima 1.6 – punt (b a) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) In-numru tat-telefon għall-fornitur(i) meħtieġ(a) skont l-Artikolu 17(1), il-punt (a), u meta dan ikun rilevanti t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25(6) u t-Taqsima 1.5.1.2 tal-Anness I";

Emenda 87
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 9
Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
Anness I – parti 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Għal sustanza jew taħlita fornuta fi stazzjon ***tas-servizz u ppumpjata direttament f'reċipjent li jifforma parti integrali minn vettura u minn***	(b) Għal sustanza jew taħlita fornuta fi stazzjon ***tal-fjuwil, il-kopja tal-elementi tat-tikketta*** li ***ġejjin imsemmija*** fl-Artikolu 17***.1***, il-punti (c) sa (h) ***għandha***

fejn is-sustanza jew it-taħlita normalment ma tkunx maħsuba li ***titneħħa, l-elementi tat-tikketta msemmija*** fl-Artikolu 17, il-punti (c) sa (h) ***għandhom jiġu pprovduti*** f'post viżibbli ***fuq il-pompa*** rispettiva***.*** L-identifikatur uniku tal-formula msemmi fl-Artikolu 25(7) ma għandux għalfejn jiġi pprovdut.	***tiġi pprovduta*** f'post viżibbli ***jew viċin tal-pompa*** rispettiva***:*** L-identifikatur uniku tal-formula msemmi fl-Artikolu 25(7) ma għandux għalfejn jiġi pprovdut.

Emenda 88
Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
ANNESS II – PARTI II – SUSTANZI U TAĦLITIET MINN MATERJAL VERĠNI

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) f'CMC 1: SUSTANZI U TAĦLITIET MINN MATERJAL VERĠNI, il-punt 2 ***jitħassar***;	(a) f'CMC 1: SUSTANZI U TAĦLITIET MINN MATERJAL VERĠNI, il-punt 2 ***huwa sostitwit kif ġej;***
	a) Sustanzi klassifikati fl-Anness VI, il-Parti 3, tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għall-klassijiet jew il-kategoriji tal-periklu li ġejjin:
	- Mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali, il-kategorija 1A jew 1B;
	- Karċinoġeniċità, il-kategorija 1A jew 1B;
	- Tossiċità riproduttiva, il-kategorija 1A jew 1B;
	- Tossiċità tal-organu fil-mira speċifiku, esponiment ripetut, il-kategorija 1
	- Interferent endokrinali għas-saħħa tal-bniedem, il-kategorija 1;
	- Interferent endokrinali għall-ambjent, il-kategorija 1; u

- Proprjetajiet persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna

li l-kwantitajiet reali mqiegħda fis-suq huma aktar baxxi minn 10 tunnellati fis-sena, inkorporati intenzjonalment fil-prodott fertilizzanti tal-UE, waħedhom jew f'taħlita, f'konċentrazzjoni daqs jew inqas mill-valuri ta' limitu ġeneriċi stabbiliti fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandhom ikunu ġew irreġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, b'dossier li jkun fih:

(i) l-informazzjoni prevista fl-Annessi VI, VII u, sa fejn rilevanti u disponibbli, fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, abbażi tad-data disponibbli, metodi alternattivi skont l-Artikolu 13 adattamenti skont l-Anness XI, u t-twettiq ta' testijiet ġodda fuq annimali vertebrati biss bħala l-aħħar għażla u fejn rilevanti, u

(ii) u rapport dwar is-sikurezza kimika skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 strettament limitat għax-xenarji ta' esponiment relatati mal-użu agronomiku u mal-ambjent, sakemm ma jkunx kopert b'mod espliċitu minn waħda mill-eżenzjonijiet mill-obbligu ta' reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 9 (PPORD) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, użat esklużivament għar-riċerka u għall-iżvilupp xjentifiċi, fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew mill-punti 6, 7, 8, 9 jew 10 9 (għall-manjeżja

	biss) tal-Anness V ta' dak ir-Regolament.
	b) Polimeri huma eżentati mill-punt a).;

Emenda 89
Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt 2 – punt f
Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009
Anness II – Parti II – CMC 8: POLIMERI NUTRIJENTI

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Prodott fertilizzanti tal-UE jista' jkun fih polimeri li jkunu magħmulin esklużivament minn sustanzi monomeri li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-punti 1 ta' CMC 1, fejn l-għan tal-polimerizzazzjoni huwa l-kontroll tar-rilaxx tan-nutrijenti minn wieħed jew aktar mis-sustanzi monomeri.;	1. Prodott fertilizzanti tal-UE jista' jkun fih polimeri li jkunu magħmulin esklużivament minn sustanzi monomeri li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-punti 1 ta' CMC 1, fejn l-għan tal-polimerizzazzjoni huwa l-kontroll tar-rilaxx tan-nutrijenti minn wieħed jew aktar mis-sustanzi monomeri. ***Il-polimeru jista' jwettaq ukoll funzjonijiet oħra, dment li dan ma jibdilx il-karatteristiċi tas-sikurezza tal-prodott jew ma jikkompromettix il-funzjoni ta' rilaxx ikkontrollat***;